Permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Ottubru, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tal-Mandat ta' Żgumbrament numru 1360/2024, fl-ismijiet (rikorrenti) Joseph Cremona et vs (intimat) Fiona Baldacchino ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Fiona Baldacchino a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ippreżentat mill-Bord li Jirregola l-Kera, fl-ismijiet (rikorrenti) Joseph Cremona (KI 213255M) u Helen Cremona (KI 537156M) vs (intimata) Fiona Baldacchino (KI 594777M), fis-26 ta' Settembru, 2024, ir-rikorrenti Joseph Cremona (KI 213255M) et talbu lil dan l-Onorabbli Board:

Jordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Żgumbrament kontra l-intimata (mill-fond infraskritt) in esekuzzjoni tas-sentenza infraskritta, u billi l-intimati naqsu li jagħmlu dan sal-lum.

Fond: 242, Triq Fleur-de-Lys, Santa Venera

Sentenza: skont sentenza deċiża mill-Bord li Jirregola l-Kera rikors numru 318/2023JG fl-ismijiet Joseph Cremona et vs Fiona Baldacchino deċiża fit-28 ta' Ġunju, 2024, fejn ġie ordnat l-iżgumbrament mill-fond 242, Fleur-de-Lys Road, Santa Venera, entro terminu ta' wieħed u għoxrin ġurnata mid-data tas-sentenza liema terminu kien wieħed perentorju u li issa għadda u dan skont l-istess sentenza li kopja legali tagħha qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala dokument ND1.

Illum 14 ta' Awwissu, 2024

By means of a decree of the 8th October, 2024, by the Rent Regulation Board, in the records of the Warrant of Eviction number 1360/2024 in the names (Applicant) Joseph Cremona et vs (respondent) Fiona Baldacchino the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Fiona Baldacchino in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the Rent Regulation Board, in the names (applicants) Joseph Cremona (ID 213255M) and Helen Cremona (ID 537156M) vs (respondent) Fiona Baldacchino (ID 594777M), filed on the 26th September, 2024, the applicants Joseph Cremona (ID 213255M) asked this Honourable Board:

To order the issuing of a Warrant of Eviction against the respondents (from the under mentioned premises) in execution of the under mentioned judgement and this since the respondent failed to do this till this day.

Premises: 242, Triq Fleur-de-Lys, Santa Venera

Judgement: according to a judgement decided by the Rent Regulation Board application number 318/2023JG in the names Joseph Cremona et vs Fiona Baldacchino decided on the 28th June, 2024, whereby it was ordered the eviction from the premises 242, Fleur-de-Lys Road, Santa Venera, within a period of twenty one days from the date of the judgement which term was peremptory and which is now lapsed and this according to the same judgement a legal copy of which is here attached and marked as document ND1.

Today 14th August, 2024

Ippreżentant mill-Avukat Nicholas DeBono u l-PL Adriana Buhagiar

Mandat ta' Żgumbrament

Repubblika ta' Malta

Mandat tal-Qorti

Lill-Marixxall tal-Qorti

Mogħti mill-Qorti hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Magistrat Joseph Gatt, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 17 ta' Awwissu, 2024

Rikorrent: 50C Marjac, Triq San Ġorġ, San Pawl il-Baħar

Notifika intimata: 242, Triq Fleur-de-Lys, Santa Venera

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Filed by Dr Nicholas DeBono and PL Adriana Buhagiar.

Warrant of Eviction

Republic of Malta

Court Warrant

To the Court Marshall

Given by the Court , above mentioned, with the witness of the Hon. Dr Joseph Gatt, LLD, Doctor of Laws.

Today 17th August, 2024

Applicant: 50C Marjac, Triq San Ġorġ, St Paul's Bay

Notification respondent: 242, Triq Fleur-de-Lys, Santa Venera

Registry of the Superior Courts, today 1st Novembe,r 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2568

Permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Awwissu, 2024, mill-Qorti Prim'Awla fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru 811/2024, fl-ismijiet Shoreline Contracting Limited vs Koray Global Malta Limited et giet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Koray Global Malta Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru, fl-ismijiet Shoreline Contracting Limited (C83994) vs Koray Global Malta Limited (C97522); Koray Insaat Sanayii ve Ticaret A.S. u Koray Gayrimenkaul Yatirim Ortakligi A.S. ġja Koray Gayrimenkul ve Yatirim A.S., fit-8 ta' Lulju, 2024, ir-rikorrenti Shoreline Contracting Limited (C83994) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tieħu dawk il-miżuri kollha illi jidhrilha xierqa u opportuni, inkluż iżda mhux limitatament tordna li jittieħdu proċeduri ta' disprezz fil-konfront tas-soċjetà Akbank T.A.S. Malta Branch (OC 198) u dan ai termini tal-artikoli 997 u 1003A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skont il-liġi.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

By means of a decree of the 8th August, 2024, by the First Hall of the Civil Court, in the records of the Garnishee Order Number 81/2024 in the names Shoreline Contracting Limited vs Koray Global Malta Limited et the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Koray Global Malta Limited in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12),

By means of an application in the First Hall of the Civil Court in the acts of the Garnishee Order, in the names Shoreline Contracting Limited (C93884) vs Koray Global Malta Limited (C97522), Koray Insaat Sanayii ve Ticaret A.S. and Koray Gayrimenkaul Yatirim Ortakligi A.S. previously Koray Gayrimenkul ve Yatirim A.S. filed on the 8th July, 2024, the applicant Shoreline Contracting Limited (C83994) requested this Honourable Court in order to take all the measures it deems fit and opportune, including but not limitedly order that contempt proceedings be taken against the company Akbank T.A.S. Malta Branch (OC 198) and this in terms of Articles 997 and 1003A of Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs and saving any right of further action according to law.

In the First Hall of the Civil Court

Imħallef: l-Onor Toni Abela, LLD

Il-Qorti,

Rat ir-rikors,

Tordna n-notifika tiegħu lil Akbank T.A.S. Malta Branch u kif ukoll lill-kontropartijiet li jkollhom żmien sitt (6) ijiem għar-risposta minn notifika.

Tipprovdi ulterjorment.

Illum 9 ta' Lulju, 2024

Rikorrenti: Suite 407, Level 4, Block SCM 01, Smart City Malta, Ricasoli, Malta

Notifika: Koray Global Malta Ltd, HomeSpace Unit 5, Level 4, Triq Misraħ il-Barrieri, Santa Venera

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Judge: the Honourable Mr Justice Toni Abela, LLD

The Court,

Saw the application;

Order the notification of the application to Akbank T.A.S. Malta Branch and also to the counter parties with six (6) days from the date of notification to file a reply.

Will provide further.

Today, 9th July 2024

Applicant: Suite 407, Level 4, Block SCM 01, Smart City Malta, Ricasoli, Malta

Notification: Koray Global Malta Ltd, HomeSpace Unit 5, Level 4, Triq Misraħ il-Barrieri, Santa Venera

Registry of the Superior Courts, today 1st November, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2569

Permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Settembru, 2024, mill-Qorti Prim'Awla fl-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 417/2024, fl-ismijiet Auberge (San Anton) Limited vs Mehemmed Izzidin Bek Derna noe ġie ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Mehemmed Izzidin Bek Derna a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-atti tal-Mandat ta' Qbid , fl-ismijiet Auberge (San Anton) Limited (C1827) vs Mehemmed Izzidin Bek Derna (KI 419403L) għan-nom u in rappreżentanza tal-Maltese Arab Chamber of Commerce fit-3 ta' Lulju, 2024, ir-rikorrenti Auberge (San Anton) Limited (C1827) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tawtorizza l-bidla fil-kunsinnatarju b'dan illi l-kunsinnatarju issa tkun Alexandra Dimech Debono (KI 202292M) bl-oġġetti elevati jistgħu jinżammu f'51, Casa Madonnina, Vjal Sir Michelangelo Refalo, Ħal Balzan, Malta;

2. Tordna/tikkonferma l-elevazzjoni mill-pussess tad-debitur tal-oġġetti mobbli passibbli għall-mandat odjern illi jinsabu fl-indirizz Villa Beki Derna, Triq il-Qarċilla, Ħal Balzan, Malta, u l-konsegwenti trasferiment tal-istess fil-pussess fiżiku tal-kunsinnatarju propost mir-rikorrenti;

By means of a decree of the 25th September, 2024, by the First Hall of the Civil Court, in the records of the Warrant of Seizure number 417/2024 in the names Auberge (San Anton) Limited vs Mehemmed Izzidin Bek Derna noe the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Mehemmed Izzidin Bek Derna in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the First Hall of the Civil Court, in the names Auberge (San Anton) Limited (C1827) vs Mehemmed Izzidin Bek Derna (ID 419403L) for and on behalf of the Maltese Arab Chamber of Commerce filed on the 3rd July, 2024, the applicant Auberge (San Anton) Limited (C1827) asked this Honourable Court:

1. To authorise the change in consignée in such a manner that the consignée is now Alexandra Dimech Debono (KI 202292M) and the elevated objects can be held at 51, Casa Madonnina, Vjal Sir Michelangelo Refalo, Balzan, Malta;

2. To order/confirm the elevation from the possession of the debtor of the movable objects subject of the present warrant situated at the address Villa Beki Derna, Triq il-Qarċilla, Ħal Balzan, Malta, and the consequent transfer of the same in the physical possession of the consignée proposed by the applicant;

3. Tagħti dawk l-ordnijiet u/jew direzzjonijiet meqjusa xierqa fiċ-ċirkostanzi.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Imħallef: l-Onor Miriam Hayman, LLD

Il-Qorti,

Rat ir-rikors,

Tordna n-notifika tal-istess lill-kontroparti bi żmien gimgħa għar-risposta.

Illum 5 ta' Lulju, 2024

Rikorrenti: 47, Casa Maria, Vjal Sir Michelangelo Refalo, Ħal Balzan, Malta

Notifika: Mehemmed Izzidin Bek Dernata' Villa Bek Derna, Triq il-Qarċilla, Ħal Balzan

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. To give such orders and/or directions as are deemed appropriate in the circumstances.

In the First Hall of the Civil Court

Judge: the Honourable Madam Justice Miriam Hayman, LLD

The Court,

Saw the application;

Order the notification to the same counter party with one week to file a reply.

Today 5th July, 2024

Applicant: 47, Casa Maria, Vjal Sir Michelangelo Refalo, Ħal Balzan, Malta

Notification: Mehemmed Izzidin Bek Dernata' Villa Bek Derna, Triq il-Qarcilla, Ħal Balzan

Registry of the Superior Courts, today 1st November, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2570

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-26 ta' Awwissu, 2024, fuq talba ta' Etienne Borg et ġiet ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sid/sidien, werriet/werrieta mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1788/2024 fl-ismijiet Etienne Borg et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1788/2024 fl-ismijiet Etienne Borg, bin Stephen Borg u Catherine Borg née Mifsud, imwieled Tal-Pietà u residenti l-Fgura (KI 0561882M) u martu Graziella Borg Bianco, bint Paul Bianco u Alexandra Bianco née Ellul imwielda Tal-Pietà u residenti l-Fgura (KI 0219788M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sid/sidien, werriet/werrieta mhux magħrufa, fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-23 ta' Awwissu, 2024, fejn Etienne Borg u Graziella Borg Bianco esponew bir-rispett:

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 26th August, 2024, following a request by Etienne Borg et vs Deputy Curators to represent the unknown owner/s, heir/s in the records of the schedule of deposit number 1788/2024 in the names Etienne Borg et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent, number 1788/2024 in the names of Etienne Borg, son of Stephen Borg and Catherine Borg née Mifsud, born in Tal-Pietà and residing in Fgura (ID 0561882M) and his wife Graziella Borg Bianco, daughter of Paul Bianco and Alexandra Bianco née Ellul, born in Tal-Pietà and residing in Fgura (ID 0219788M) vs Deputy Curators to represent the unknown owner/s, heir/heirs, filed in the First Hall of the Civil Court on the 23rd August, 2024, the applicants Etienne Borg and Graziella Borg Bianco respectfully submitted:

Illi huma l-proprjetàrji tal-garaxx mingħajr l-arja tiegħu, mingħajr numru uffiċjali u bl-isem Bianca fi Triq ir-Rihan, ġieli indikat li jinsab f'Blandun Lane, il-Fgura, kif suġġett għal subċens annwu u perpetwu ta' €11.65 altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu u dan kif jirriżulta aħjar minn kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Mary Grech Pace tal-15 ta' Ġunju, 2022. Din l-proprjetà tidher aħjar fl-annessa pjanta mmarkata bħala Dokument A;

Illi minn dan is-subċens ta' €11.65 subċens ta' €9.32 jitħallsu lil sidien magħrufa, mentri l-esponenti ma jafux min hu/huma d-direttarju/i jew subdirettarju/i tar-rimanenti subċens ta' €2.33;

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bis-saħħa tal-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex jifdu dan is-subċens ta' €2.33 ai termini tal-istess liġi;

Illi s-subċens fl-ammont ta' €2.33 kapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal €46.60;

Illi oltre minn hekk qegħdin jiddepożitaw permezz ta' din iċ-ċedola s-somma ta' €11.65 bħala arretrati ta' subċens dovuti għal dawn l-aħħar ħames snin.

Għaldaqstant l-esponenti sabiedx jeżoneraw ruħhom minn kwalunkwe responsabbiltà qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma ta' €11.65 arretrati ta' subċens dovuta għal dawn l-aħħar ħames snin, flimkien ma' €46.60 s-somma dovuta bħala fidi tas-subċens annwu u perpetwu sabiex jiġu liberament żbankati mill-kuraturi deputati maħtura sabiex jirrappreżentaw id-direttarju/i u/jew subdirettarju/i wara li titħalla d-debita riċevuta skont l-liġi.

Esponenti: 254, el Clavel, Triq il-Kampanella, Il-Fgura

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Evans Building, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sseġjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

That they are the owners of the garage without its airspace, without official number and with the name Bianca in Triq ir-Rihan, sometimes indicated that it is situated in Blandun Lane, Fgura, as subject to an annual and perpetual sub groundent of €11.65 free and unencumbered, with all its rights and appurtenances and this as results better from a public deed in the records of Notary Mary Grech Pace of the 15th June, 2022. This property is better shown in the attached plan marked as document A;

That from this sub groundrent of €11.65 the subgroundrent of €9.32 are paid to known owners, whilst the applicants do not know who is/are the direct owner/s or sub-direct owner/s of the remaining sub groundrent of €2.33;

That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by means of Article 1501 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta) in order to redeem this sub groundrent of €2.33 in terms of the same law;

That the subgroundrent in the amount of €2.33 capitalised at the rate of 5% amounts to €46.60;

That furthermore they are depositing by means of this schedule of deposit the sum of €11.65 as arrears of sub groundrent due for these last five years.

Thus the applicants to exonerate themselves from any responsibility are calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the sum of €11.65 arrears of sub groundrent due for the last five years, together with €46.60 the sum due as redemption of the annual and perpetual sub groundrent so that they be freely withdrawn by the deputy curators appointed to represent the direct owner/s and/or sub-direct owner/s after leaving the due receipt according to law.

Applicants: 254, El Clavel, Triq il-Kampanella, Fgura

Notification: Director Public Registry, Evans Building, Triq il-Merkanti, Valletta

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Christian Falzon Scerri, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 26 ta' Awwissu, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Christian Falzon Scerri, LLD, Doctor of Laws.

Today 26th August, 2024

Registry of the Superior Courts, today 1st November, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2571

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxal tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fit-2 ta' Lulju, 2024, fuq talba ta' Binila Baby noe ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Justin Thachil Antony, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 248/2023JPG, fl-ismijiet Binilia Baby noe vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' rikors guramentat fl-ismijiet Binila Baby (KI 0200093A) fil-kapaċità tagħha proprio u għan-nom u in rappreżentanza tal-minuri … omissis … vs Justin Thachil Antony (passaport Indjan bin-numru R9583358), Dinil Joe Paul Mendez (KI 0174490A) u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-atti tar-Rikors numru 248/2023JPG, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fit-23 ta' Ottubru, 2023, fejn Binila Baby fil-kapaċità tagħha proprio u għan-nom u in rappreżetnanza tal-minuri … omissis … talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimat Justin Thachil Antony mhuwiex il-missier bijologiku tal-minuri … omissis …;

2. Tiddikjara li l-intimat Dinil Joe Paul Mendez huwa l-missier bijologiku tal-minuri … omissis … ;

3. Tordna li jsiru l-annotamenti meħtieġa fuq l-att tat-twelid tar-rikorrenti minuri … omissis … fil-ħames (5) kolonna, sabiex sussegwentement ikun magħruf bl-isem proprju sħiħ tiegħu … omissis … fuq id-dokumenti maħruġa mill-Gvern Malti, ossija karta tal-identità, passaport u permess tar-residenza sabiex ikun evitat ħolqien ta' dubju fuq l-identità tiegħu;

4. Tordna li jsiru l-annotamenti meħtieġa fuq l-att tat-twelid tar-rikorrenti minuri … omissis … fit-tielet (3)

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court.

By means of a decree given by this Court, on the 2nd July, 2024, following a request of Binila Baby noe it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent Justin Thachil Antony, in the records of the Sworn Application 248/2023JPG, in the names Binila Baby noe vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a sworn application in the names Binila Baby (ID 0200093A) in her personal capacity as the legitimate representative of the minor … omissis … vs Justin Thachil Antony (Indian passport number R9583358); Dinil Joe Paul Mendez (ID 0174490A), Director of Public Registry, in the records of the Sworn Application bearing reference 248/2023JPG, filed in the Civil Court (Family Section), on the 23rd October 2023, the applicant Binila Baby (ID 0200093A) in her personal capacity as the legitimate representative of the minor … omissis … requested this Honourable Court so that it:

1. To declare that the defendant Justin Thachil Antony is not the biological father of the minor … omissis …;

2. To declare that the defendant Dinil Joe Paul Mendez is the biological father of the minor … omissis …;

3. To make the necessary annotations on the birth certificate of the minor … omissis …in the fifth (5) colomn, so that he will subsequently be known by his proper name of … omissis … on all official documents issued by the Maltese Governemnt, including but not limited to the identity card, passport and residence permit, therby preventing any potential ambiguity concerning his identiy;

4. That the necessary changes be made on the birth certificate of the minor … omissis … in the third (3) row, so

ringiela, sabiex l-isem tal-ġenitru (1) li preżentament qiegħed imniżżel bħala Justin Thachil Antony jiġi sostitwit mal-isem tal-missier bijologiku Dinil Joe Paul Mendez;

5. Tordna li l-istess korrezzjoni għandha tiġi wkoll riflessa f'kull att ieħor ta' status maħruġ jew li jista' jinħareġ fuq il-minuri … omissis …

Rikorrenti: 5 Roma Court/7, Block A, Triq Evelyn Bonaci, Birkirkara

Intimati: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidhol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor Imħallef Doreen Clarke, BA, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 10 ta' Lulju, 2024

Reġistru tal-Qorti (Sezzjoni Familja), illum l-1 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

that the name of parent (1) currently listed as Justin Thachil Antony is duly replaced witht he name of the bilogical father Dinil Joe Paul Mendez;

5. That the same correction be applied uniformly to any and all Acts of Civil Status previously issued or that may be issued concerning the minor … omissis …

Applicant: 5 Roma Court/7, Block A, Triq Evelyn Bonaci, Birkirkara

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section), above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Doreen Clarke, LLD, Doctor of Laws.

Today 10th July, 2024

Registry of the Civil Court (Family Section), today 1st November, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2572

B'digriet tal-21 ta' Ottubru, 2024, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), dina il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Michael Debono Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 10002 fis-16 ta' Mejju, 2024 qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' tlett mija, disgħa u sebgħin ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€379.22) depożitati b'ċedola ta' depożitu numru 1516/2023 fl-ismijiet:

Michael Debono Limited (C10002) vs Qaiser Masih (KI 0183190A)

By a decree of the 21st October, 2024, given by the Courts of Magistrates (Malta), ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Michael Debono Limited with the registration number C 10002 on the 16th May, 2024 is asking for the withdrawal of the amount of three hundred and seventy nine euro and twenty-two cents (€379.22) deposited by the Schedule of Deposit number 1516/2023 in the names of:

Michael Debono Limited (C10002) vs Qaiser Masih (ID 0183190A)

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi żmien sebat (7) ijiem għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum il-Ġimgħa, l-1 ta' Novembru, 2024

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Court ordered the notification to the counter-party with seven (7) days to file a reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today Friday, the 1st November, 2024

MARVIC FARRUGIA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

2573

B'digriet tal-10 ta' Ottubru, 2024, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), dina il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Citadel Insurance plc bin-numru tar-reġistrazzjoni (C21550) fis-17 ta' Jannar, 2024, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' elf mija, erbgħa u ħamsin ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€1,154.96) depożitati b'ċedola ta' depożitu numru 3946/2023 fl-ismijiet:

Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Alkurt Hussein vs Jasmine Grixti (KI 0136000L)

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-intimata bi żmien jumejn (2) għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum il-Ħamis, 31 ta' Ottubru, 2024

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 10th October, 2024, given by the Courts of Magistrates (Malta), ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Citadel Insurance Limited plc with the registration number (C21550) on the 17th January, 2024, is asking for the withdrawal of the amount of one thousand, one hundred and fifty four euro and ninety-six cents (€1,154.96) deposited by the Schedule of Deposit number 3946/2023 in the names of:

Citadel Insurance plc (C21550) as subrogated in the rights of its insured Alkurt Hussein vs Jasmine Grixti (ID 0136000L)

The Court ordered the notification to the respondent with two days (2) days to file a reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today Thursday, the 31st October, 2024

MARVIC FARRUGIA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

2574

DKR 304/2013 – KANĊELLAZZJONI TAL-IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-28 ta' Ottubru, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Marse-Ann Farrugia, LLD) wara rikors ippreżentat minn Clayton Neil Camilleri fil-21 ta' Marzu, 2024, Kumpilazzjoni numru 575/2013, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Hubert Gerada)

Kontra

Omissis;

DKR 304/2013 – CANCELLATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 28th October, 2024, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Marse-Ann Farrugia, LLD) after an application filed by Clayton Neil Camilleri on the 21st March, 2024, Compilation number 575/2013 in the case:

The Police
(Inspector Hubert Gerada)

Versus

Omissis;

u

Clayton Neal Camilleri, ta' 42 sena, bin Nazju u Rita xebba Farrugia, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-12 ta' April 1982, residenti fil-fond bin-numru 73, Farrugia, Vjal il-Ħelsien, Ħaż-Żebbuġ, Malta, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 216382M.

Il-Qorti ORDNAT IT-TĦASSIR tal-ordni tas-sekwestru tal-assi kollha tal-imsemmi Clayton Neal Camilleri, liema ordni kienet ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja fl-24 ta' Ġunju, 2013, u ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Ġunju, 2013.

Din il-pubblikazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36(4)(b)(iii) u (iv) tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum l-1 ta' Novembru, 2024

Reġistru tal-Qrati ta' Ġuriżdizzjoni Kriminali (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta

and

Clayton Neal Camilleri, 42 years, son of Nazju and Rita née Farrugia, born in Tal-Pietà, Malta, on the 12th April, 1982, residing at number 73, Farrugia, Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ Malta and holder of Maltese identity card number 216382M.

The Court ORDERED THE CANCELLATION of the freezing order of all the assets of the said Clayton Neal Camilleri, which order was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry on the 24th June, 2013, and published in the Government Gazette of the 28th June, 2013.

This order is being published according to Article 36(4)(b)(iii) and (iv) of Cap. 621 of the Laws of Malta.

Today the 1st of November, 2024

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar, Criminal Courts and Tribunals

2575

B'digriet tal-10 ta' Ottubru, 2024, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-25 ta' April, 2024, minn Volha sive Olga Galea (KI 0310919L), Subbasta bin-numru 18/24 fl-ismijiet Volha sive Olga Galea vs Carmelo Galea qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

Il-garaxx numerat dsatax (19) fi Triq l-Amarozz, L-Imġarr, Malta, liberu u frank, inkluż is-sehem indiviż tal-partijiet komuni li minnu jifforma parti dan il-garaxx fl-istess kumpless ta' garaxxijiet.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Carmelo Galea (KI 313872M).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 30 ta' Ottubru, 2024

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 10th October, 2024, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on the 25th April, 2024, by Volha sive Olga Galea (ID 0310919L), Judicial Sale file number 18/24 in the names of Volha sive Olga Galea vs Carmelo Galea being asked that the Court orders the sale by auction of the:

The garage numbered nineteen (19) in Triq l-Amarozz, Mġarr, Malta, free and unencumbered, including the undivided share of the common parts which this garage forms part in the same of complex of garages.

The said tenement is the property of Carmelo Galea (ID 313872M).

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 30th October 2024

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2576

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-9 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 848/2024FDP, li ġie ppreżentat fil-31 ta' Lulju, 2024, fl-ismijiet: Tumes Media Limited vs Esports Entertainment Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata. Is-soċjetà rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' sitta u għoxrin elf u erbgħa u tletin ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€26,034.56ċ). Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra intimati li huma inġunti għas-subizzjoni.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 9th October, 2024, in the records of Sworn Application number 848/2024FDP, which was filed on the 31st July, 2024, in the names: Tumes Media Limited vs Esports Entertainment Limited, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondent company. The applicant company asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondent company to pay the applicant company the sum of twenty six thousand and thirty four euro and fifty six cents (€26,034.56c). With all costs and legal interest against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-21 ta' Novembru, 2024, fid-9.30 a.m.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 21st November, 2024, at 9.30 a.m.

Notifika intimata: Jennifer Shera Pace, Direttriċi ta' Esports Entertainment Limited, 92, Ta' Monita Residence. Blk 8, Flat 831, Triq il-Bajja, Marsaskala

Notify respondent: Jennifer Shera Pace, Director of Esports Entertainment Limited, 92, Ta' Monita Residence. Blk 8, Flat 831, Triq il-Bajja, Marsaskala

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Ottubru, 2024

Registry of the Superior Courts, today 30th October, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2577

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-26 ta' Ġunju, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 658/2024MH, li ġie ppreżentat fil-11 ta' Ġunju, 2024, fl-ismijiet: Bugeja Carlos Avukat Dott. noe vs Rowan John Robert et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallas lir-rikorrent s-somma ta' mija u ħamsin elf ewro (€150,000.00ċ). Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-intimati li huma inġunti għas-subizzjoni.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 26th June, 2024, in the records of Sworn Application number 658/2024MH, which was filed on the 11th June, 2024, in the names: Bugeja Carlos Advocate Dr noe vs Rowan John Robert et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondents.The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondents to pay the applicant the sum of one hundred and fifty thousand euro (€150,000.00c). With all costs and legal interest against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-22 ta' Novembru, 2024, fid-9.30 a.m.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 22nd November, 2024, at 9.30 a.m.

Notifika intimati: Rowan John Robert et, 143, Juniper Mews, Flat 4, Triq San Ġwann, Ħal Għargħur

Notify respondents: Rowan John Robert et, 143, Juniper Mews, Flat 4, Triq San Ġwann, Ħal Għargħur

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Settembru, 2024

Registry of the Superior Courts, today 23rd September, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2578

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-10 ta' Ottubru 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 620/2024AF, li ġie ppreżentat fl-4 ta' Ġunju, 2024, fl-ismijiet: Causon Karl Tabib Dott. et vs Causon Miriam, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Taħtar nutar pubbliku għall-pubblikazzjoni tal-istess kuntratt pubbliku bl-intervent ta' deputat kuratur sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att ta' bejgħ.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-26 ta' Novembru, 2024, fl-10.30 a.m.

Notifika intimata: Causon Miriam, 97, Vilhena Court, Flat 8, Triq il-Ħġejjeġ, Buġibba SPB 2829

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Novembru, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 10th October, 2024, in the records of Sworn Application number 620/2024AF, which was filed on the 4th June, 2024, in the names: Causon Karl Physician Dr et vs Causon Miriam, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Appoint a notary public for the publication of the same public deed with the intervention of a deputy curator to represent the eventual defaulters on the same deed of sale.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 26th November, 2024, at 10.30 a.m.

Notify respondent: Causon Miriam, 97, Vilhena Court, Flat 8, Triq il-Ħġejjeġ, Buġibba SPB 2829

Registry of the Superior Courts, today 4th November, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2579

Avviż ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili

Maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Rikors ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili numru 80/2024 SG

Mary sive Miriam Borg, armla ta' John, Georgia sive Georgina mart Charlie Debono, Lydia Said, legalment separata, Joseph Said, Anthony Said, ilkoll aħwa Said ulied il-mejtin Peter Said u Carmela née Vella, ilkoll imwildin ir-Rabat, Għawdex, karti tal-identità numri 63559G, 32361G, 27866G, 7071G, 8474G rispettivament; l-imsemmi Joseph Said tant f'ismu proprju kif ukoll f'isem Pierra Surbewski, mart Jimmy, Lawrence sive Laurence Pace, Rebecca Pace, xebba, ilkoll aħwa wlied Joseph Pace u l-mejta Theresa sive Tessie née Said, ilkoll imwildin Sunshine, Victoria, l-Awstralja u residenti f'Victoria, l-Awstralja,

vs

Carmel Pace, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 22461G li b'digriet tat-23 ta' Ottubru, 2024, ġie nominat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsiefer Lawrence Pace.

Notice in terms of Article 495A of the Civil Code

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

Application in terms of article 495A of the Civil Code number 80/2024 SG

Mary sive Miriam Borg, widow of John, Georgia sive Georgina wife of Charlie Debono, Lydia Said, legally separated, Joseph Said, Anthony Said, all Said brothers and sons of the late Peter Said and Carmela née Vella, all born in Victoria, Gozo, identity cards numbers 63559G, 32361G, 27866G, 7071G, 8474G respectively; the said Joseph Said both in his own name and in the name of Pierra Surbewski, wife of Jimmy, Lawrence sive Laurence Pace, Rebecca Pace, maiden, all brothers and sisters of children of Joseph Pace and the deceased Theresa sive Tessie née Said, all born Sunshine, Victoria Australia and residing in Victoria, Australia,

vs

Carmel Pace, holder of identity card number 22461G who by means of a decree of the 23rd of October, 2024 was nominated deputy curator to represent the absent Lawrence Pace.

Rikors tal-imsemmija Mary sive Miriam Borg et.

Jesponu bir-rispett u l-imsemmi jikkonferma bil-ġurament filwaqt illi jiddikjara illi huwa jaf il-fatti esposti personalment:

1. Illi dan ir-rikors odjern jirrigwardja l-proprjetà segwenti: porzjon art magħrufa bħala 'Ta' Kaputt' fil-limiti ta' Rabat, Għawdex, b'faċċata fuq Triq Santa Dminka, tal-kejl ta' madwar mija u tnejn u ħamsin metru kwadru (152 m.k.) u bil-kejl li fiha, tmiss mil-Lvant mal-imsemmija triq, mit-Tramuntana ma' beni ta' Peter Azzopardi, u min-Nofsinhar ma' beni tal-familja Cassar, kif murija aħjar fuq l-annessa pjanta Dokument 'A';

2. Illi l-esponenti kienu daħlu f'konvenju għall-bejgħ ta' din l-art li ċertu George u Barbara konjuġi Fenech – konvenju ffirmat quddiem in-Nutar Anthony Hili fit-18 ta' Novembru, 2022, u dan bil-prezz ta' mitejn sebgħa u tmenin elf u ħames mitt euro (€287,500) – kif jidher mid-Dokument 'B' hawn anness;

3. Illi l-vendituri kollha taw il-kunsens tagħhom għal dan il-bejgħ imma filwaqt li Pierra Surbewski u oħtha Rebecca Pace bagħtu l-prokura neċessarja sabiex Joseph Said ikun jista' jidher f'isimhom fuq il-kuntratt pubbliku relattiv, ġara li minħabba li huwa affliitt minn "Paranoid Schizophrenia and Anti-social Personality Disorder which is further complicated by polysubstance use" Lawrence Pace ma huwiex fi stat li jirrilaxxja prokura – u dan kif jidher mid-Dokumenti 'C' u 'D' hawn annessi – li huma ċertifikat mediku rilaxxjat minn Mid West Area Mental Health Service fil-belt ta' Melbourne, Victoria, l-Awstralja, u kopja tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu;

4. Illi kif jidher mill-arblu tar-razza hawn anness bħala Dokument 'E', Lawrence Pace għandu kwota ta' terz minn sesta parti (1/3 ta' 1/6) indiviż minn din il-proprjetà;

5. Illi l-esponenti jemmnu li l-prezz oriġinarjament pattwit fil-konvenju u l-kundizzjonijiet proposti għal dan il-bejgħ huma ġusti u xierqa u għandhom japplikaw ukoll għal sehem Lawrence Pace.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja l-pubblikazzjoni ta' dan ir-rikors fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta oħra lokali fit-termini tal-artikolu 495A tal-Kap. 16:

1. Tiddikjara li l-prezz kif ukoll il-kundizzjonijiet oriġinarjament proposti għall-bejgħ ta' sehem ir-rikorrenti kollha mill-immobbli hawn fuq deskritt huwa ġust u xieraq u li l-istess prezz u kundizzjonijiet għandhom japplikaw għall-bejgħ illi spettanti lill-intimata Marija Spiteri minn dan l-istess fond;

Application of the said Mary sive Miriam Borg et.

They respectfully submit and the aforementioned confirms on oath that she knows the facts personally:

1. That this current application relates to the following property: a portion of land known as 'Ta' Kaputt' within the limits of Victoria, Gozo, with frontage on Triq Santa Dminka, measuring approximately one hundred and two and fifty square meters (152 m.k.) or more correct measurement in it, bordered on the east with the said road, from the north with property of Peter Azzopardi, and from the South with property of the Cassar family, as shown better on the attached plan Document 'A';

2. That the exponents had entered into an agreement for the sale of this land in favour of George and Barbara, spouse Fenech – an agreement signed before Notary Anthony Hili on 18th November, 2022, and this for the price of two hundred and eighty-seven thousand and five hundred euros (€287,500) – as can be seen from document 'B' here attached;

3. That all the vendors gave their consent to this sale but while Pierra Surbewski and her sister Rebecca Pace sent the necessary power of attorney so that Joseph Said could appear on their behalf on the relative public contract, it happened that because he is afflicted by "Paranoid Schizophrenia and Anti-Social Personality Disorder which is further complicated by polysubstance use" Lawrence Pace is not in a state to release a power of attorney – and this can be seen from the documents 'C' and 'D' attached here – which are a medical certificate issued by Mid West Area Mental Health Service in the city of Melbourne, Victoria, Australia, and a copy of his driving licence;

4. That as appears from the family tree herewith as Document 'E', Lawrence Pace has a share of one-third of one-sixth part (1/3 of 1/6) undivided of this property;

5. That the exponents believe that the price originally negotiated in the agreement and the conditions proposed for this sale are fair and appropriate and should also apply to Lawrence Pace's share.

Therefore, the exponents respectfully request that this Honourable Court, after the publication of this application in the Government Gazette and in another local newspaper in terms of article 495A of the Chapter. 16:

1. Declare that the price as well as the conditions originally proposed for the sale of all the claimant's share of the property described above is fair and appropriate and that the same price and conditions should apply to the sale of the respondent's share from this same property;

